-

15 ta’ Frar 2010

Ref. 5/194/04

**Minuti tat-Tkomplija tal-Laqgha Nru. 35**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, nhar il-Hamis 18 ta’ Frar 2010 fis-6.00pm, Paola. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghall-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, u il-Vici Sindku Borg, l-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch u Il-Kunsilliera Ebejer. Il-Kunsillier Borg Myatt kien skuzat. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivan Richard Sciberras. Is-Sindku Dominic Grima ippressjeda din il-Laqgha.

**1) Minuti**

Il-Minuti geww iccirkollati lill-Kunsilliera kollha biex jigu approvati fl-laqgha ohra li jmiss.

**3) Tenders**

Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda il-prezzijiet tat-Tender ghal Public Convenience li kienu dawn:

| | |
|---|---|
| John Mallia | €26,400 |
| Terence Farrugia | €20,980 |
| Mario Farrugia | €20,300 |
| Elton John Zammit | €18,600 |
| Glen Dalli Hili | €28,800 |
| Ludovic Ghigo | €23,000 |

Wara diskussjoni bejn gie deciz biex il-Kunsill imur ghal orhos prezz fit-Tenders. Il-Vici Sindku kien indeciz u staqsa jekk hux bilfors irridu jmorru ghal orhos prezz. Is-Segretarju qal li jekk ma jmorrux ghal orhos prezz iridu jaghmlu rapport fuq it-Tenders. Il-membri tal-Kunsill approvaw l-irhas offerta dik ta' Elton John Zammit ghal prezz €18600.00. Il-Membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda il-prezzijiet tat-Tender ghal Tarmac f' Arcade Str li kienu dawn:

| | |
|---|---|
| Polidano | €104,362 |
| Asfaltar | €77,613 |
| Schembri | €82,267 |
| Philip Aguis | €85,299 |

Il-memrbi tal-Kunsill approvaw l-irhas offerta dik ta' Asfaltar Ltd ghal prezz € 77,613.

Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda il-prezzijiet tat-Tender ghal Street Sweeping li kienu dawn:

| | |
|---|---|
| Glen Dalli Hili | €72,975 |
| Wilson Mifsud | €55,000 |
| Elton John Zammit | €48,900 |
| Ludovic Ghigo | €58,000 |

Il-memrbi tal-Kunsill approvaw l-irhas offerta dik ta' Elton John Zammit ghal prezz €48,900.

**7) Ligi tal-Kunsill Lokali**

Is-Segretarju qassam il-Ligi il-gdida lill-Kunsilliera u nfurmahom bir-remurazzjonijiet godda taghhom li huma €1200 ghal ispejjez li jkollhom f'sena u s-Sindku ser jizdied fl-onorarja tieghu ghal nofs il-paga ta' membru parlamentali.

Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera u s-Sindku fuq jekk jistax il-kont tal-Mobile tas-Sindku jithallas mil-Kunsill. Is-Segretarju qara ittra l-ircieva mid-Direttur tal-kunsilli Lokali li m'ghandu jkun hemm ebda rifuzjoni hlief dik skond il-Ligi il-gdida. Ghalhekk Il-Membri tal-Kunsill approvaw li  l-mobile tas-Sindku ghandu jieqaf b'effet mil-1 ta' Jannar 2010.

**8) Time Parking Scheme**

Is-Sindku qal li avvicinawh hafna residenti biex jaghmel Time Parking Scheme ghar-residenti gewwa Paola.

Il-Kunsillier Dalli qal li hu l-Kunsillier Seychell flimkien mas-Segretarju marru jitkellmu mas-Sindku tal-Birgu is-Sur Boxall fejn spjegalu il-process tat-*Time Parking Scheme* gewwa il-Birgu li ha madwar sentejn biex jig approvat mill-ADT.

Il-membri tal-Kunsill approvaw li jibda il-Process Time Parking scheme fejn irridu jsiru pjanit tat-Toroq involuti u jsiru surveys fuq il-volum ta' karozzi li jipparkjaw f'dawn it-Toroq.

Il-Kunsilliera Ebejer qalet li taqbel mas-sistema imma ghada ftiti xettika jekk tahdimx ghal Lokalita ta' Paola.

**9) Skrivani Part-Time**

Is-Segretarju qal li d-dipratiment kien ta' l-approvazzjoni ghal zewg part-timers imma minhabba li l-part-timers malli jsibu xoghol iehor jitliqghu jahseb li ahjar indahlu skrivan/a full-time. Il-Membri tal-Kunsill approvaw li nitolbu d-dipartiment ghal skrivan full-time.

**Aggornament**

Gie deciz li laqgha ohra biex jigi approvat ir-Rapport aministrattiv ser issir laqgha fis16 ta' Frar 2010 fil 5.00pm. Is-segretarju innota li ma kienetx qeghda tigi osservata il-Ligi fl-aggornament.

Il-Laqgha giet maghluqa fis-8.00pm.

Approvati Illum ___________

| | |
|---|---|
| ___________ | _______________ |
| Kevin Borg | Dominic Grima |
| Segretarju | Sindku |